# Beati u Qaddisin ...Frar

## SAN GABIRJIEL TA' L-ADDOLORATA (261 – 356)

## FRAR 27




Francesco Possenti twieled gewwa Assisi fl-1 ta' Marzu tas-sena 1838 minn familja nobbli. Il-genituri tieghu tawh edukazzjoni nisranija mill-aqwa u din kienet iz-zerriegha tal-vokazzjoni religjuza tieghu. Kien zaghzugh ordinat ghal ahhar kemm fil-ilbiesu kif ukoll fil-manjieri tieghu. Ried kollox ezatt u preciz u allahares li ma kienx ikun hekk ghax warrab rasek. Dan il-karattru tieghu kien kawza ta' inkonvenjent kbir kemm lil missieru kif ukoll lil hutu ghax in-nuqqas ta' pacenzja kien iservi biex johloq inkwiet.
Studja sakemm kellu 17 il-sena meta addolorat minhabba l-mewt ta' ommu, li mietet kawza tal-kolera fis-sena 1855, huwa rtira gewwa kunvent.

Huwa ghazel li jidhol ma' l-Ordni tal-Passjonisti mwaqqfa mill-qaddis Pawlu tas-Salib biex ikun jista' jikkontempla id-dulur tad-Gesu' u Marija waqt il-Passjoni. Issa spiccaw il-karezzi u l-anita', issa l-ambizzjoni tieghu kienet ic-coqqa tal-patri passjonist.

Wara li temm in-novizzjat tieghu huwa ha l-isem ta' Gabirjiel ta' l-Addolorata biex inissel fih d-devozzjoni lejn id-duluri ta' Marija. Minkejja li minn dejjem kien juri debolezza f'sahhtu huwa kellu fervur specjali ghall-penitenza u ghat-talb.
Kien jghaddi hajja umli u ta' skiet; ma ghamilx mirakli. L-impenn tieghu kien it-talb u lpenitenza, il-hin ghall-istudju, il-meditazzjoni u l-ezami tal-kuxjenza, hwejjeg li kien iwettaqhom kuljum bir-reqqa.

Ma' din il-hidma kollha li hija hidma komuni ghal kull religjuz, huwa zied id-devozzjoni lejn il-Vergni Marija fejn f'hames snin sar qaddis kbir. Huwa kkompona innu li kien isejjahlu s-simbolu ta' Marija, simbolu li dejjem kien izomm imdendel ma' ghonqu. Fost hutu l-patrijiet huwa kien jinkoraggihom biex inisslu devozzjoni kbira lejn Omm Kristu. Anke meta kien jikteb xi ittra lill-familjari tieghu ma kienx jonqos li jzid maghha li huma kellhom ikattru fihom l-imhabba lejn Marija.
Biex juri din l-imhabba li kellu lejn Marija gietu l-idea li jistampa fuq fuq sidru b'karattri tan-nar l-isem imqaddes ta' Marija. Imma ma hallewx u kellu jikkuntenta li jgib din l-imhabba fil-qalb tieghu. Miet f'eta' zghira hafna ta' 24 sena, fis-27 ta' Marzu tas-sena 1862.

Kien jghid li l-genna tieghu huma d-duluri ta' l-ghaziza Omm tieghu.